MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2006

Avviz Numru. 190/2002/1

**Atlas Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Ian Zammit u l-istess Ian Zammit u b'nota tat-13 ta' Mejju 2004 is-socjeta Atlas Insurance Limited bhala cessjonarja tad-drittijet u obbligi tas-socjeta' estera AXA Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Ian Zammit assumiet l-atti.**

**Vs**

**Saviour Busuttil**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici nomine et is-

somma ta' elfejn seba' mija u hames liri sebghin centezmu (Lm2705.70c) – in kwantu ghal elfejn mija tlieta u tletin lira (Lm2133) u b'digriet tat-8 ta' Lulju 2003 il-figura elfejn mitejn tlieta u tletin lira (Lm2233) qed jissostitwixxi l-kliem elfejn mija u tlieta u tletin liri (Lm2133) kif ukoll minflok il-kliem u figura "Hames mija u tnejn u sebghin lira Maltin, hamsin centezmu (Lm572.50c) jidhol il-kliem u figura "erba mija tnejn u sebghin lira hamsin centezmu (Lm472.50c) lis-socjeta' attrici Atlas Insurance Agency Limited noe u in kwantu ghal hames mija tnejn u sebghin lira sebghin centezmu (Lm572.70c) lill-attur Ian Zammit – in linea ta' danni mill-konvenut kagunati u minnhom sborsati bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara Naxxar fl-1 ta' Novembru 2001 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura Nru FBM 539 habat mal-vettura Nru ZAM 010 propjeta' tal-attur Ian Zammit – prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra uficjali tal-11 ta' Frar 2002, u dawk tal-ittra ufficjali presentata ma' l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mill-11 ta' Frar 2002, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 8 ibid) u biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talibet attrici fil-konfront tieghu huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes, billi l-kollizjoni in kwistjoni ma saritx b'tort ta' l-eccipjenti izda b'tort ta' l-attur Ian Zammit;
2. Illi minghajr pregudizzju ghal premess l-ammonti mitluba bhala danni huma eccessivi;
3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet Taghha (a fol 38, fol 39 u fol 42 tal-istess atti) u dan in konnessjoni mal-korrezzjonijiet li saru fl-avviz in esami.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, fuq il-post tal-incident kien mar PS 586 Joseph Brincat (fol 16 u fol 64 et seq tal-atti) li esebixxa kopja kemm tar-rapport kemm tal-skizz, maghmulin minnu stess (fol 21 u fol 23 rispettivament). Dan spjega li l-incident gara fit-triq li minn Naxxar taghti fid-direzzjoni ta' Tal-Balal. Hu kompla biex jghid illi dik il-parti tat-triq fejn gara dan l-incident u kif delineata fuq l-iskizz, "inbidlet ghal kollox" peress li kienu saru xogholijiet fuqha, wara l-incident in esami b'mod specjali "roundabout" u strixxa centrali. Fil-fatt skond l-istess skizz, jigi notat illi fid-data tal-istess incident hemm zewg toroq laterali ossija sekondarji, wahda bl-isem ta' Triq Santa Katerina li minnha harget il-vettura misjuqa mill-konvenut u gejja mid-direzzjoni ta' Hal Gharghur u ohra bl-isem mhux indikat gejja mid-direzzjoni tal-Madliena u li minna kien hiereg l-attur. Dwar l-istess skizz ghandhom jigu notati s-sinjali ta' 'stop" relattivi ghall-istess toroq u l-istrixxi trasversali aktarx impingija fuq it-triq. Skond l-imsemmi rapport, l-attur kien stqarr illi waqt li kien wieqaf, il-vettura l-ohra misjuqa mill-konvenut u aventi n-numru ta' registrazzjoni FBM 539 dahlet fil-genb tal-vettura misjuqa minnu, waqt li kienet gejja mid-direzzjoni ta' Hal Gharghur. Daparti tieghu il-konvenut kien informa lill-istess xhud illi waqt li kien gej mid-direzzjoni ta' Hal Gharghur, ghamietu x-xemx u minhabba hekk ma kienx ra l-vettura l-ohra li kienet hierga mit-Triq gejja mill-Madliena. Jigi notat li l-istess xhud in kontroesami hu kien xehed "B'referenza ghall-karozza FBM 539 ….. jiena sibt(h)a kif muri fuq l-isketch, "…. Sibt(h)a fejn hemm 'give way sign' stess u mhux fejn hemm l-'stop sign'".

Ikkunsidrat

Illi Ian Zammit, l-attur, difatti xehed (fol 18 u fol 79 et seq ibid) illi ghall-habta tat-8:30a.m. hu kien gej, fuq il-vettura numru ZAM-010 mid-direzzjoni tal-Madliena u waqaf sabiex jesplora t-triq principali, qabel is-sinjal ta' 'stop', li

‘tohrog kwazi ghan-nofs it-triq”.  Kif kien wieqaf, hu ra vettura ohra gejja mid-direzzjoni ta’ Hal Gharghur fuq il-lemin tieghu, liema vettura “baqghet diehla go fih(j)a minghajr ma waqfet”,  Minhabba din il-habta, il-vettura misjuqa minnu garrbet hsarat gravi, kif deskritti fix-xhieda tieghu, u sfat “total loss” avolja “Il-karozza tieghi rrangjtha pero ma gietx kif xtaqtha jien”.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut da parti tieghu xehed (fol 46 et seq ibid) fil-bidu tax-xhieda tieghu illi “Jiena waqaft fuq l-stop sign.  Kif kont ser nidhol ghal gol ‘main road’ insib lill-iehor quddiemi esatt”.  Sussegwentement hu qal ili, filfatt, sporga “.. xi ftit minn mal-‘stopsign’ u ‘ma kontx hrigt hafna ghal fuq il-‘main road’ sabiex jdur lejn San Gwann, lejn ix-xellug.  Fl-ahhar nett, hu semma’ “… fil-hin tal-incident jiena kont wieqaf u kont gej biex nibda’ nsuq”.  Pero’, immedjatament wara, hu qal ”Nikkoregi ruhi – jiena mal-habta kont qed insuq l-quddiem”.  Inoltre fl-istess xhieda, hu semma’ illi “Kif soqt giet ix-xemx quddiemi u l-vettura (tal-attur) ma rajthiex”.  Pero immedjatament qabel, hu kien qal “Jiena l-vettura l-ohra kont rajtha pero”.  Dwar l-iskizz, hu lmenta illi “…hemm zball go fih”.  Hawnhekk irrefera ghal dawk l-istrixxi trasversali, mpingija fuq it-triq u fil-vicinanzi immedjati tal-istess sinjali ta’ “stop”.  Hu sostna illi l-vettura misjuqa minnu, ma kienetx fuq ix-xellug ta’ dawn l-istrixxi, izda fuq il-lemin taghhom “… ezatt fuq l-stop sign” (ara ukoll ir-ritratti esebiti minnu a fol 6 sa fol 71 ibid).

Ikkunsidrat

Illi ma jistax ma jigix notat u rilevat illi l-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-konvenut hi inverosimili u ma tistax tigi emmnuta minhabba l-inkonsistenzi u kontradizzjonijiet li tikkontjeni u li huma evidenti mis-sintesi tax-xhieda tieghu kif hawn fuq riportata.

Illi, dwar l-iskizz, ma ngiebet ebda prova sabiex jkun hemm xi dubbju dwar l-esattezza ta’ dan id-dokument, kif redatt minn P.S. 586 Joseph Brincat u, ghalhekk il-Qorti

tara li ghandha taccetta dak kollu kif minn fuqu u ghandha tikkonkludi illi l-konvenut, effettivament saq il-vettura tieghu fuq ix-xellug tal-istrixxi msemmija u mhux fuq il-lemin taghhom sabiex skond kif xehed hu, jkun jista jdur lejn ix-xellug ghal fuq it-triq principali u jsuq fid-direzzjoni ta’ San Gwann.

Illi l-konvenut, ammetta, fix-xhieda tieghu illi, qabel il-habta u qabel ma, skond hu ghamietu x-xemx, kien ra l-vettura misjuqa mill-attur izda xorta wahda habat maghha. Dan jindika, b’mod car u evidenti, negligenza fis-sewqan da parti tieghu peress li jidher, oltre li kif di gja inghad, saq fuq ix-xellug tal-istess strixxi, illi ma waqafx meta ra l-vettura l-ohra specjalment meta, skond dejjem kif xehed hu, ghamietu x-xemx. Hawnhekk kien jkun prudenti da parti tieghu illi jirrallenta u jieqaf sakemm jkun f‘posizzjoni li jara li ma kienx hemm riskju prevedibbli illi jahbat ma vettura ohra.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-‘quantum’ ta’ hsarat, jigi rilevat illi:-

a) Mis-survey report a fol 28 tal-atti, jidher li l-vettura misjuqa mill-attur kienet garrbet hsarat konsiderevoli (ara fol 28 ibid). Dawn il-hsarat kienu gew riparati kif xehed Alan Micallef (fol 26 et seq ibid) li esebixxa, in sostenn, id-dokumenti a fol 29 sa fol 33 tal-istess atti. Dwar dan, ghandu jissemma’ illi l-attur, filfatt, kien gie risarcit mill-assikurazzjoni tieghu ossija mis-socjeta attrici nomine l-ammont kollu li kien jinkludi “loss of use” tal-istess vettura assikurata konsistendi kiri ta’ karozza. Pero’ l-attur semma’ ukoll illi, avolja giet riparata, hu kien biegh l-istess vettura peress li ma kienx kuntent bir-riparazzjonjiet trattasi ta’ karozza konsiderata bhala lussuza.

b) Fir-rapport tal-Pulizija, hemm specifikat illi d-danni kienu “extensive”, probabilment aggravati illi skond kif xehed l-istess konvenut kien hemm “bull bar” fuq in-naha ta’ quddiem.

c) L-istess socjeta attrici nomine kienet ikkoregiet il-“quantum” ta’ danni pretizi fl-avviz mis-socjeta attrici

nomine u mill-attur kif hemm specifikat fid-digriet, akkolt min din il-Qorti (fol 38 sa fol 42 ibid).

Illi, ghalhekk, tenut kont ukoll, li ma ingiebet ebda prova da parti tal-konvenut illi l-ammont pretiz jista' jigi konsiderat bhala eccessiv, l-ammont ta' danni, kif korrett, ghandu jigi accettat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident awtomobilisitku in esami u dan minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut.
2. Tillikwida l-ammont ta' danni globali fis-somma ta' Lm2705.50c u;
3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici nomine is-somma ta' Lm2233 liri Maltin u lill-attur is-somma ta' Lm472.50 b'kollox Lm2705.50c bl-imghax legali mill-11 ta' Frar 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittri ufficjali tal-11 ta' Frar 2002 u tat-18 ta' Marzu 2002 imsemmijin fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------